MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Numru. 1472/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Alfred Debono**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Debono detentur tal-karta tal-identita` numru 585958(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Ottubru 2007 jew fil-jiem ta' qabel-

1. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi

vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali;

4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

5. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti processwali inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali u l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat ukoll ix-xhieda u d-dokumentazzjoni pprezentata tul dan il-process.

Ikkunsidrat; illi l-imputat gie akkuzat b’diversi akkuzi fosthom li rrenda ruhhu komplici fil-process li bih kellu fil-pussess tieghu licenzja tas-sewqan ghall-kategorija ta’ “heavy plant vehicles” li ma kienitx mahruga b’mod validu u li kien jaf li kien qed juza dan id-dokument minkejja dan il-fatt.

Illi mill-provi prodotti partikolarment mix-xhieda tal-Ispettur Raymond Aquilina, irrizulta illi meta huwa interroga lill-imputat, dan qallu li kien gab din il-kategorija meta kien zghir, izda meta l-Ispettur staqsieh sabiex itih l-evidenza huwa qatt ma gabha. L-Ispettur xehed ukoll, b’referenza ghall-istqarrija tal-imputat (fol 21 tal-process), illi dan kien qallu illi huwa kien hallas lil certu wiehed jghidulu l-Bona (li llum il-gurnata huwa mejjet) sabiex jipprokuralu din il-kategorija. Illi fit-tieni stqarrija huwa kkonferma dak li kien qal fl-ewwel. Illi f’din l-istqarrija huwa qal ukoll illi huwa qatt ma mar l-ADT u dan kien hadha billi ltaqa’ mal-Bona x’imkien fit-triq fejn dan kien qallu biex jiffirma formola (fol 24 tal-process).

Illi sinjifikanti hi x-xhieda ta’ Brian Farrugia, rapprezentant tat-Transport Malta li fit-2 ta’ Frar 2011 xehed illi fis-sena 2007 gew mizjuda fuq isem l-imputat il-kategoriji C u C+E (dawk ta’ vetturi kbar) li fuq dawn ma nstabu l-ebda records sabiex jissostanzjawhom.

Xehed ukoll dwar il-process ta’ kompjuterizzazzjoni li sar fis-sena 2000 u dwar il-fatt illi l-imputat kienet hargitlu licenzja originali fit-2002 u cioe` ta’ karrozza privata li ghaliha kien hemm id-dokumentazzjoni kollha jigiefieri meta l-imputat kien tela’ ghat-test u meta kien applika ghaliha.

Illi rat ukoll li b’verbal tas-27 ta’ Mejju 2011, ix-xhud Mandy Carbone, li kienet l-iskrivana li allegatament mliet il-formola tal-affidavit iffirmata mill-imputat (Fol 22) din ghazlet li ma tixhidx sabiex ma tinkriminax ruhha.

Illi il-provi wrew, u dawn huma kkorroborati mill-istqarrijiet tal-imputat u li qatt ma gew ikkontestati mid-difiza, illi l-imputat applika originarjament sabiex igib il-licenzja ta’ karrozza privata fis-sena 2002 li ghal din hemm kollox regolari. Illi irrizulta illi fis-sena 2007 inhargitlu licenzja tas-sewqan ghal trakkijiet kbar izda kif xehed Brian Farrugia, ma kien hemm xejn fid-‘database’ tat-Transport Malta li juri li jew kien hemm xi applikazzjoni jew li l-imputat ghamel xi test ghal din il-kategorija.

Kollox ma kollox, u meta tara dawn il-fatti mal-istqarrija tal-imputat li kien ikkonferma li hu effetivament kien hallas li certu wiehed “il-Bona” sabiex igiblu din il-kategorija, din il-Qorti thoss illi mela il-hrug ta’ tali licenzja saret verament b’mod irregolari.

Illi pero` ghal dak li jirrigwardja it-tehid ta’ gurament, din il-kwistjoni hija daqsxejn differenti ghaliex din ma gietx ippruvata bl-ebda mod u anke fl-istqarrija tal-imputat huwa qal illi qatt ma ha gurament izda huwa kien iffirma formola barra u mhux fil-bini tal-Awtorita`.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42 (d), 120 (1), 185 (1), 186, 188 u 108 (1) (b) tal-Kap 9, filwaqt li tillibera lill-imputat Alfred Debono mill-hames akkuza, issibu hati fuq l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza, u ssibu hati tar-raba’ akkuza stante li kif inghad giet ppruvata u stante li t-tieni u t-tielet akkuza huma assorbiti fir-raba’ akkuza u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundannah seba’ (7)xhur prigunerija sospizi ghal sena (1).

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------